



UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

IL-KUNSILL

**Brussell, 15 ta' Lulju 2020
(OR. en)**

**2020/0086 (COD)
LEX 2016**

**PE-CONS 22/1/20
REV 1**

**FSTR 116
FC 49
REGIO 148
SOC 407
AGRISTR 43
PECHE 148
CADREFIN 120
POLGEN 73
CODEC 496**

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
LI JEMENDA R-REGOLAMENT (UE) NRU 1303/2013
FIR-RIGWARD TAR-RIŻORSI GĦALL-ALLOKAZZJONI SPEĊIFIKA
GĦALL-INIZJATTIVA FAVUR L-IMPJIEG TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ**

REGOLAMENT (UE) 2020/...
TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-15 ta' Lulju 2020

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward tar-riżorsi
għall-allokazzjoni speċifika għall-Inizjattiva favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 177 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Regġuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja²,

¹ Opinjoni tal-10 ta' Ġunju 2020 (għada mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

² Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Lulju 2020 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Lulju 2020.

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet komuni u ġenerali applikabbli għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej.
- (2) Il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2020² emenda l-ammont totali tar-riżorsi għall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ ("YEI") billi żied l-appropriazzjonijiet ta' impenn għall-allokazzjoni speċifika għall-YEI fl-2020 b' EUR 28 333 334 fi prezzijiet attwali u żied l-ammont totali ta' appropriazzjonijiet ta' impenn tal-allokazzjoni speċifika għall-YEI għall-perjodu ta' programmazzjoni kollu għal EUR 4 556 215 406 fi prezzijiet attwali.
- (3) Għall-2020, ir-riżorsi addizzjonali ta' EUR 23,7 fi prezzijiet tal-2011 huma ffinanzjati mill-Marġni Globali għall-Impenji fil-marġni tal-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347 20.12.2013, p. 320).

² ĠU L 57, 27.2.2020, p. 1.

- (4) Minħabba l-urġenza li qabel it-tmien tal-2020 il-programmi li jappoġġaw lill-YEI jiġu emendati sabiex jinkludu r-riżorsi addizzjonali għall-allokazzjoni speċifika għall-YEI, ġie kkunsidrat xieraq li tiġi prevista eċċezzjoni għall-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika.
- (5) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jiġi emendat skont dan.
- (6) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 91, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

‘1. Ir-riżorsi għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali disponibbli għall-impenn baġitarju għall-perjodu 2014 - 2020 għandhom ikunu EUR 330 105 627 309 fi prezzijiet tal-2011, b'konformità mad-diżaggregazzjoni annwali stabbilita fl-Anness VI, li minnhom EUR 325 938 694 233 jirrappreżentaw ir-riżorsi globali allokatu għall-FEŻR, għall-FSE u għall-Fond ta' Koeżjoni, u EUR 4 166 933 076 jirrappreżentaw allokkazzjoni speċifika għall-YEI. Għall-finijiet tal-programmazzjoni u tal-inklużjoni sussegwenti fil-baġit tal-Unjoni, l-ammont tar-riżorsi għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali għandu jkun indiċizzat għal 2 % kull sena.’;

(2) fl-Artikolu 92, il-paragrafu 5 hu sostitwit b'dan li ġej:

‘5. Ir-riżorsi għall-YEI għandhom jammontaw għal EUR 4 166 933 076, li minnhom EUR 23,7 miljun jikkostitwixxu riżorsi addizzjonali għall-2020. Dawk ir-riżorsi għandhom jiġu kkomplementati mill-investiment immirat tal-FSE b'konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament tal-FSE.

L-Istati Membri li jibbenefikaw mir-riżorsi addizzjonali għall-allokazzjoni speċifika għall-YEI jistgħu jitolbu t-trasferiment lill-FSE sa 50 % ta' dawn ir-riżorsi addizzjonali bil-għan li jiġi kkonstitwit l-investiment immirat korrespondenti tal-FSE kif meħtieġ mill-Artikolu 22(1) tar-Regolament tal-FSE. Tali trasferiment għandu jsir għall-kategoriji rispettivi ta' reġjuni li jikkorrispondu għall-kategorizzazzjoni tar-reġjuni eliġibbli għaż-żieda tal-allokazzjoni speċifika għall-YEI. L-Istati Membri għandhom jitolbu t-trasferiment fit-talba għal emenda tal-programm b'konformità mal-Artikolu 30(1) ta' dan ir-Regolament. Ir-riżorsi allokati għas-snin li għaddew ma jistgħux jiġu ttrasferiti.

It-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandu japplika għar-riżorsi addizzjonali kollha għall-allokazzjoni speċifika għall-YEI allokata fl-2019 u l-2020.';

- (3) L-Anness VI huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

‘ANNESS VI

DIŻAGGREGAZZJONI ANNWALI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET TA’ IMPENN GĦAS-SNIN 2014 SAL-2020

Profil annwali aġġustat (inkluż il-pagament supplimentari għall-YEI)

	2014	2015	2016	2017
EUR, prezzijiet tal-2011	34 108 069 924	55 725 174 682	46 044 910 736	48 027 317 164

	2018	2019	2020	Total
EUR, prezzijiet tal-2011	48 341 984 652	48 811 933 191	49 046 236 96 0	330 105 627 309

,